



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 19.10.2012  
COM(2012) 621 final

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (l-applikazzjoni EGF/2011/011 AT/Soziale Dienstleistungen mill-Awstrija)**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

Il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda<sup>1</sup> jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibilità, sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun, u dan apparti mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-FEG huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>2</sup>.

Fil-21 ta' Diċembru 2011, l-Awstrija ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2011/011 AT/Soziale Dienstleistungen għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji f'105 intrapriżi li joperaw fid-Diviżjoni 88 fis-settur tan-NACE Reviżjoni 2 ("Attivitajiet ta' ħidma soċjali mingħajr akkomodazzjoni")<sup>3</sup> fir-reġjun NUTS II ta' Steiermark (AT22) fl-Awstrija.

Wara analiżi fil-fond ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament huma ssodisfati.

### **TAQSIRA TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI**

<b>Dejta ewlenija:</b>	
Nru ta' Referenza tal-FEG	EGF/2011/011
Stat Membru	L-Awstrija
Artikolu 2	(b)
Intrapriżi kkonċernati	105
Reġjun NUTS II	Steiermark (AT22)
Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2	88 ("Attivitajiet ta' ħidma soċjali mingħajr akkomodazzjoni")
Perjodu ta' referenza	1.4.2011 - 15.12.2011
Data tal-bidu għas-servizzi personalizzati	1.10.2011
Data tal-applikazzjoni	21.12.2011
Sensji matul il-perjodu ta' referenza	1 050
Ħaddiema ssensjati li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri	350
Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR)	7 850 500
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG <sup>4</sup> (EUR)	150 500
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (%)	1,88
Baġit totali (EUR)	8 001 000
Kontribuzzjoni tal-FEG (65 %) (EUR)	5 200 650

1. L-applikazzjoni ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fil-21 ta' Diċembru 2011 u kienet supplimentata b'informazzjoni addizzjonali sal-25 ta' Ġunju 2012.

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

<sup>4</sup> B'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għat-tħaddim tal-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u ġiet ippreżentata fil-limitu ta' żmien ta' 10 ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

### **Ir-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali**

3. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, l-Awstrija targumenta li s-sensji fis-settur tas-servizzi soċjali mobbli fi Styria (provvista ta' servizzi soċjali għal persuni b'diżabilità u assistenza mobbli għaż-żgħażaġh) seħħew bħala riżultat tat-tnaqqis fil-baġit soċjali implimentat minn Styria bl-għan li jiġi kkonsolidat il-baġit globali tagħhom (bħala parti mill-kontribuzzjoni tagħhom għall-istabbiltà tal-Awstrija u l-impenji ta' konsolidazzjoni skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2010-2014)<sup>5</sup>.
4. B'reazzjoni għall-impatti negattivi tal-kriżi u sabiex jiġi kkonsolidat il-baġit reġjonali sal-2013, il-Gvern ta' Styria li għadu kif ġie elett, iddeċieda fl-2010 li jaqta' l-ispejjeż globali tal-Land b'25 % (meta mqabbla mal-baġit tal-2010) matul il-perjodu ta' sentejn tal-2011 u l-2012. It-tnaqqis fil-baġit ikkonċerna wkoll is-settur soċjali, inkluż l-iżborż obligatorju kuntrattwali (*vertraglich vereinbarte Pflichtleistungen*) imħallas minn Styria għall-assistenza soċjali għaż-żgħażaġh u l-appoġġ għall-persuni b'diżabilità (*Jugendwohlfahrt, Behindertenhilfe*). Dawn is-servizzi jitwettqu fi Styria mill-fornituri tal-assistenza soċjali<sup>6</sup>, organizzati bħala organizzazzjonijiet li ma jaħdmux għall-profitt, kumpaniji b'responsabbiltà limitata kif ukoll intrapriżi privati (żgħar).
5. Il-fornituri tas-servizzi soċjali mobbli għall-persuni b'diżabbiltà (*mobile Behindertenhilfe*) u tal-ħidma mobbli għaż-żgħażaġh (*mobile Jugendarbeit*) fi Styria kienu fost dawk li ntlaqtu direttament mit-tnaqqis fil-baġit soċjali. Wara reviżjoni tal-oqfsa legali li jirregolaw is-servizzi mobbli għal dawn iż-żewġ gruppi ta' persuni, il-katalgu tas-servizzi tnaqqas, u t-tariffi mħallsa minn Styria lill-fornituri tas-servizzi tnaqqsu b'effett minn Lulju 2011 (*mobile Behindertenhilfe*) u Ġunju 2011 (*mobile Jugendarbeit*)<sup>7</sup>.
6. B'reazzjoni għat-tnaqqis fil-baġit, il-fornituri tas-servizzi soċjali fi Styria l-ewwel naqqsu l-attivitajiet tagħhom (jiġifieri ħinijiet iqsar ta' xogħol għall-persunal) u, sussegwentement, bdew jagħtu s-sensja lill-ħaddiema minn nofs l-2011 'il quddiem. L-aktar milquta kienu/huma l-fornituri tas-servizzi żgħar li jispeċjalizzaw biss f'qasam wieħed jew fi ffit oqsma tal-għajnuna soċjali billi dawn jiddependu esklużivament fuq il-pagamenti mil-Land u l-muniċipalitajiet (filwaqt li l-fornituri akbar tal-assistenza soċjali f'diversi oqsma jiddisponu minn diversi mezzi ta' finanzjament, inkluż id-dħul minn kampanji ta' għbir ta' fondi jew finanzjament Federali).

<sup>5</sup> [http://ec.europa.eu/europe2020/documents/related-document-type/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/europe2020/documents/related-document-type/index_mt.htm)

<sup>6</sup> Freie Wohlfahrtsträger für die Erbringung sozialer Dienstleistungen zur Unterstützung Hilfsbedürftiger (öffentliche Wohlfahrtsaufgaben).

<sup>7</sup> Dan għandu jitqies fid-dawl tal-fatt li l-ispejjeż ta' Styria għas-servizzi soċjali bħala għajnuna għal dawn iż-żewġ gruppi ta' persuni kienu żdiedu sa mill-bidu tal-kriżi ekonomika fl-2008 sal-2011 (li flimkien jikkostitwixxu madwar 50 % tal-baġit soċjali ta' Styria).

## **Turija tal-għadd ta' sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(b)**

7. L-Awstrija ppreżentat din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jitlob li jkun hemm minn tal-inqas 500 sensja fuq perjodu ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2 f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi fil-livell tan-NUTS II fi Stat Membru.
8. L-applikazzjoni ssemmi 1 050 sensja f'105 intrapriżi li joperaw fid-Diviżjoni 88 tan-NACE Reviżjoni 2 ("Attivitajiet ta' ħidma soċjali mingħajr akkomodazzjoni") fir-reġjun NUTS II ta' Steiermark (AT22) matul il-perjodu ta' referenza mill-1 ta' April 2011 sal-15 ta' Diċembru 2011. Minn dawn, 888 ġew ikkalkolati skont it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 u 162 ġew ikkalkolati skont l-ewwel inċiż tal-istess paragrafu.

## **Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji**

9. L-awtoritajiet Awstrijaċi jargumentaw li s-sensji ma kinux previsti billi seħħew bħala riżultat tad-deċiżjoni tal-Gvern reġjonali ta' Styria (fil-bidu tal-2011) biex jitnaqqas il-finanzjament pubbliku għall-ghajjnuna ta' persuni b'diżabilità u għat-twertiq tal-ħidma għaż-żgħażagħ. Dan it-tnaqqis fil-baġit soċjali ssorprenda lill-fornituri tas-servizzi mobbli, speċjalment minħabba li l-ftehimiet kuntrattwali bejn Styria u l-fornituri tas-servizzi fis-snin preċedenti kienu ġew imġedda mingħajr negozjar mill-ġdid, u billi r-riżorsi finanzjarji disponibbli biex jassistu lil dawn iż-żewġ gruppi ta' persuni kienu saħansitra żdiedu matul is-snin preċedenti.

## **Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema li se jingħataw l-ghajjnuna**

10. L-applikazzjoni tikkonċerna 1 050 sensja f'105 intrapriżi matul perjodu ta' referenza ta' 8 xhur u nofs, li minnhom 350 ħaddiem (33,3 %) se jingħataw l-ghajjnuna. Dawn se jirċievu għajjnuna personalizzata fi ħdan il-fondazzjoni tax-xogħol reġjonali (*Regionalstiftung*) kif definit fid-Direttiva Federali AMF/23-2011<sup>8</sup>. Skont l-awtoritajiet Awstrijaċi, il-ħaddiema mkeċċija li jifdal (700) jew sabu impjeg ġdid fuq l-inizjattiva tagħhom stess u/jew bl-ghajjnuna tas-servizz pubbliku tal-impjegi (AMS) jew ma kinux interessati li jirċievu t-taħriġ u għajjnuna oħra fil-qafas tal-fondazzjoni tax-xogħol li twaqqfet għalihom.

Intrapriżi u għadd ta' sensji			
Alpha Nova Betriebsges.m.b.H.	18	Lebenshilfe Bezirk Bruck/Mur	14
BAN - Sozialökonomische BetriebsgmbH	17	Lebenshilfe Bezirk Judenburg	6
BBRZ Kapfenberg	2	Lebenshilfe Bezirk Muerzzuschlag	4
Beatrix Preininger	1	Lebenshilfe Ennstal	4
Beratungsstelle TARA	1	Lebenshilfe Feldbach	6
Betriebshilfe für die Steirische Wirtschaft	11	Lebenshilfe Graz und Umgebung - Voitsberg	31
BUGLKRAXN, Verein	6	Lebenshilfe Hartberg	3
Arbeitsintegration			
Sozialpädagog. Cafe Zum Safrangarten	10	Lebenshilfe Judenburg gemeinnützige GmbH	6

<sup>8</sup> Il-fondazzjonijiet tax-xogħol Awstrijaċi huma strument attiv tal-politika tas-suq tax-xogħol fl-Awstrija biex itejbu l-pożizzjoni fis-suq tax-xogħol għal dawk li qed ifittxu impjeg. Huma bbażati fuq Arbeitslosenversicherungsgesetz (§ 18) u fuq id-direttivi ta' implimentazzjoni maħruġin mis-servizz tas-suq tax-xogħol (AMS). Id-Direttiva l-aktar riċenti tal-AMS: [http://www.ams.at/\\_docs/001\\_ast\\_RILI.pdf](http://www.ams.at/_docs/001_ast_RILI.pdf).

Intrapriżi u għadd ta' sensji			
Caritas der Diocese Graz-Seckau	110	Verein Krisun - Kolpingsfamilie	3
Chance B Sozialbetriebs GmbH	40	Lebenshilfe Leibnitz	8
EHLESO OG	1	Lebenshilfe Projekt SPZ	7
Eltern-Kind-Zentrum	2	Lebenshilfe Radkersburg	5
ErFA II	82	Lebenshilfe Steiermark Feldbach	1
Evang. Diakoniewerk Haus am Ruckerlberg	7	Lebenshilfe Steiermark Sektion Fuerstenfeld	3
FRATZ-GRAZ Freizeit u. Aktivitätsz.f. K.	1	Lebenshilfe Steiermark Sektion Hartberg	5
Gabriele Herrgesell	1	Lebenshilfe Steiermark f. g u. mehrf. Beh. M.	20
Gemeinnuetzige Beschaeftigungsges.m.b.H.	10	Lebenshilfe Trofaiach	4
Gemeinnützige Arbeitsintegrations GmbH	5	Lebenshilfe Weiz GmbH	1
Gemeinnützige Dienstleistungsges. Weiz	25	Lebenshilfe Wohn-u.Tagesheim	1
Ges. für steirische Kinderdörfer	2	Lebenshilfe, Graz und Umgebung -	17
Gesellschaft zur Förderung seelischer Gesundh.	1	Leib & Soel - Verein	6
GIP Neue Lebensräume GmbH	5	LEO Lern- und Entwicklungswerkstätte	4
Herbert Stöckl	3	LOGO jugendmanagement gmbh	1
Hilfswerk Steiermark GmbH	1	MAFALDA	2
HOME SERVICE Volkshilfe Steiermark	3	Mit uns- Verein f. Heilpäd. Entwicklungsf.	4
Isop Innovative Sozialprojekte	19	Mosaik GmbH	31
IST - Soziale Dienstleistungs Ges.m.b.H.	2	Neue Lebensräume GmbH	1
Jugend am Werk Steiermark GmbH	74	Odilien- Blinden-Institut	11
JWF Sozialmanagement GmbH	9	OEKO-Service GmbH	13
Kinderfreunde Steiermark	18	Oesterr.Gesellschaft Rettet das Kind	6
Köflacher Kinder- Betreuungsstelle	3	Oesterr.Kinderfreunde Ortsgruppe Leonhard	2
Kohlbacher-Sinko GmbH	1	Oesterr.Kinderrettungsw.Steiermark	1
KOMPETENZ – Ber. u soz. Kompetenzz.	6	Oesterreichische Kinderfreunde	11
Kulturwerkstatt GesbR	1	Pflegeelternverein Stmk.	26
L.I.F.F.T. - Verein	4	pro mente Steiermark	10
Lebenshilfe Ausseerland	2	Pronegg-Schleich Soziale Dienste KG	1
Lebenshilfe Bad Radkersburg Gaestehaus	2	Psychosoziales Zentrum Voitsberg GmbH	1
Lebenshilfe Bad Radkersburg Tageswerkst.	1	Region Gleisdorf Jugend und Kind KG	6
SOEBSA, Sozial-Oeko-u. Beschäftigungsserv.	10	Verein f. Psy. u.Soz. Lebensberatung	5
SOS - Kinderdorf	10	Verein für Beschäftigungsprojekte	97
Sozial- u. Heilpädagog. Förderinstitut Stmk.	5	Verein Humanistische Initiative	3
Sozial- und Begegnungszentren Graz	2	Verein IKEMBA	1
Sozialbetriebsgesellschaft Birkfelder Raum	1	Verein PFIFF - Mit- und Füreinander	1
Soziale Dienste Ennstal Egartner-	1	Verein Sozialmanagement Steiermark	1

Intrapriżi u għadd ta' sensji			
Schloemicher			
Sozialmanagement Steiermark	1	Verein Sozialtherapeut. Betreuung.	1
sozKom GmbH & Co KG	1	Volkshilfe Steiermark	87
Steingruber Rita & Peter, Frühförderstelle	1	Verein VIDEF	2
Tagesmütter Graz-Steiermark	9	WENDEPUNKT-LEOBEN	1
Therapeutische Gemeensch. Steiermark	1	Wohnplattform Stmk	1
Ubuntu Verein z. sozialen Integration	5	Youth - 4U KG	2
Verein Die Bruecke	3		
Verein f. Opfer v.Gewalt u.Menschenrechtsverl.	1		
Verein f.psy. u. soziale Lebensberatung	1		
Verein Frauenplattform Bezirk Voitsberg	2		
Verein Frauenservice Graz	1		
<b>Total tal-intrapriżi: 105</b>		<b>Total tas-sensji: 1 050</b>	

11. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira huwa kif ġej:

Kategorija	Numru	Perċentwal
Irġiel	100	28,6
Nisa	250	71,4
Ċittadini tal-UE	330	94,3
Ċittadini mhux tal-UE	20	5,7
Bejn 15 u 24 sena	75	21,4
Bejn 25 u 54 sena	260	74,3
Bejn 55 u 64 sena	15	4,3
> 64 sena	0	0.0

12. Hemm 153 ħaddiem (43,7 % tal-ħaddiema fil-mira) bi problema tas-saħħa persistenti jew b'diżabilità inklużi fil-kategoriji ta' hawn fuq.
13. Fir-rigward tal-kategoriji ta' xogħol, il-ħaddiema kollha kkonċernati minn din l-applikazzjoni huma ħaddiema involuti fil-kura personali (ISCO-08, kategorija 5).
14. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-Awstrija kkonfermat li għet applikata u se tkompli tiġi applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll ta' ebda diskriminazzjoni matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-FEG u, b'mod partikolari, għall-aċċess għall-FEG.

## **Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u tal-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu**

15. It-territorju kkonċernat mis-sensji huwa l-Land ta' Steiermark (Styria, AT22), waħda mid-disa' provinċji federali tal-Awstrija. Steiermark jappartjeni għar-reġjuni industrijali tal-Awstrija, flimkien ma' Niederösterreich, Oberösterreich u Vorarlberg. Il-Land jinsab fruntiera mas-Slovenja, u l-kapitali provinċjali tiegħu, Graz, hija t-tieni l-akbar belt fl-Awstrija wara Vjenna.
16. Il-partijiet interessati ewlenin huma s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi reġjonali fi Styria (*regionale Geschäftsstelle des Arbeitsmarktservice / AMS*), il-Gvern provinċjali ta' Styria (*Steiermärkische Landesregierung*), il-Kamra tal-Kummerċ ta' Styria (*Wirtschaftskammer Steiermark*), it-trejdjunjin tal-impjegati tas-settur privat, l-istampar, il-ġurnaliżmu, u l-karta (*Gewerkschaft der Privatangestellten, Druck, Journalismus, Papier*), li taqa' taħt il-Federazzjoni tat-Trejdjunjins tal-Awstrija (*Österreichischer Gewerkschaftsbund / ÖGB*) kif ukoll iż-żewġ organizzazzjonijiet rappreżentattvi *Die Steirische Behindertenhilfe* u *Dachverband der Steirischen Jugendwohlfahrtsträger* li jirrappreżentaw il-fornituri tal-assistenza soċjali għaż-żewġ gruppi ta' klienti.

## **L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali**

17. F'Novembru 2011, ir-rata tal-qgħad fi Styria kienet oġhla minn dik tal-Awstrija kollha: 6,2 % meta mqabbel ma' 4,1 %. Matul dan ix-xahar ġew irreġistrati żidiet partikolarment għoljin ta' qgħad fost in-nisa (żieda ta' 6,0 % minn Novembru 2010), li jirriflettu parzjalment is-sehem għoli ta' nisa li nġhataw is-sensja fis-settur tas-servizzi soċjali koperti b'din l-applikazzjoni<sup>9</sup>. F'tit xhur aktar tard (Marzu 2012), ir-rata tal-qgħad globali fi Styria kienet 9 % oġhla mis-sena ta' qabel (Marzu 2011), li tirrappreżenta l-oġhla żieda fil-qgħad fost id-disa' provinċji Federali tal-Awstrija (żieda medja ta' 4,4 % fl-Awstrija kollha matul l-istess perjodu).
18. Skont l-awtoritajiet Awstrijaċi, is-settur soċjali u tas-saħħa fi Styria ntlaqat mill-kriżi ekonomika u finanzjarja u mill-konsegwenzi tagħha aktar minn setturi industrijali oħra fil-provinċja (b'żieda ta' 7,5% fil-qgħad f'Marzu 2012 meta mqabbel ma' Marzu 2011, kien biss is-settur tal-kostruzzjoni li kellu rata oġhla, b'żieda fil-qgħad ta' 10,6 % matul l-istess perjodu).
19. L-Awstrija tistma li aktar ħaddiema fis-servizzi soċjali se jitilfu xogħolhom fl-2012 wara t-tnaqqis fil-fondi reġjonali għall-għajnuna ta' persuni b'diżabilità u għal ħidma mobbli għaż-żgħażaġh. L-għadd totali ta' sensji fis-settur tas-servizzi soċjali mobbli fi Styria se jkun konsiderevolment oġhla milli inizjalment maħsub mill-imsieħba soċjali.
20. Styria kienet ukoll affettwata minn sensji oħra bil-massa li għalihom tressqu applikazzjonijiet tal-FEG quddiem il-Kummissjoni. 744 sensja f'perjodu ta' disa' xhur relatati mas-settur awtomobilistiku<sup>10</sup>, 476 sensja f'perjodu ta' disa' xhur relatati mas-settur tal-metall ta' bażi<sup>11</sup> u 167 sensja f'perjodu ta' erba' xhur relatati ma' intrapriża li tispeċjalizza f'taġħmir elettroniku<sup>12</sup>.

<sup>9</sup> Fl-Awstrija, is-sehem tan-nisa li jaħdmu fis-settur soċjali (madwar 80 %) huwa oġhla minn dak f'setturi oħra bħat-turiżmu (madwar 68 %) jew il-kostruzzjoni (madwar 15 %).

<sup>10</sup> EGF/2009/009 AT/Steiermark, approvat mill-Awtorità Baġitarja fl-2009, ĠU L 347, 24.12.2009.

<sup>11</sup> EGF/2010/007 AT/Steiermark u Niederösterreich, approvat mill-Awtorità Baġitarja fl-2011, ĠU L 263, 7.10.2011.

<sup>12</sup> EGF/2010/008 AT/AT&S, approvat mill-Awtorità Baġitarja fl-2011, ĠU L 263, 7.10.2011.

21. Dan kollu, flimkien ma' fatturi oħra (l-ewwel u qabel kolloxx iż-żieda drammatika fid-domanda futura għas-servizzi tal-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali - impjegi fis-settur tas-saħħa - bħala riżultat tat-tixjiħ demografiku fl-Ewropa) jagħmel it-titjib tal-kwalifiki u r-riintegrazzjoni sostenibbli ta' din il-forza tax-xogħol speċjalizzata, daqshekk importanti.
22. L-iffrankar fil-baġit soċjali ta' Styria qed jiġi implimentat minkejja d-dibattitu kontroversjali bejn il-fornituri tal-assistenza mobbli u l-Gvern reġjonali. Id-dibattitu dwar l-integrazzjoni, il-ġustizzja soċjali għal gruppi żvantaġġati u l-familji tagħhom u l-impatti possibbli tat-tnaqqis u s-sensji fuq l-ekonomija lokali u reġjonali, għadu għaddej fl-2012. Fi tweġiba għal mistoqsija mis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea, l-Awstrija wieġbet li, anki wara l-implimentazzjoni tal-iffrankar, Styria tkompli tqis lilha nnifisha bħala l-pijuniera tal-Awstrija fir-rigward tal-politiki tad-diżabilità, u li l-provinċja tibqa' impenjata li tissodisfa l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltajiet, li ġew ratifikati mill-Awstrija fl-2008. Il-Gvern reġjonali ta' Styria se jressaq pjan ta' azzjoni fl-2012 fejn jipprovdi linji gwida għall-istrateġija ta' Styria għad-diżabilità mill-2012 sal-2020 fuq il-bażi tal-Konvenzjoni tan-NU. Il-linji gwida se jkopru oqsma bħall-aċċessibilità, l-impjegi, is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ, il-ħajja skont ir-rieda tal-individwu, id-dejta u l-istatistika.

**Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandhom jiġu ffinanzjati u tqassim tal-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-komplementarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali**

23. Qed jiġu proposti l-miżuri li ġejjin, li kollha jingħaqdu biex jiffurmaw pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati mmirati lejn ir-riintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol ta' madwar 350 ex ħaddiem fis-settur tas-servizzi soċjali. Il-miżuri se jiġu pprovvuti lit-350 ħaddiem permezz ta' fondazzjoni tax-xogħol reġjonali (approvata mis-servizz pubbliku tal-impjegi fit-30 ta' Settembru 2011 u li se tibda topera mill-1 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Settembru 2016; l-aħħar data possibbli għad-dħul tal-ħaddiema: it-30 ta' Settembru 2012). Verein Wirtschaftsoffensive (WOF) f'Voitsberg/Köflach se tkun responsabbli għat-twettiq tal-miżuri fi ħdan il-fondazzjoni tax-xogħol. Din l-assoċjazzjoni għall-iżvilupp reġjonali diġà mexxiet l-ewwel każ tal-Awstrija tal-FEG, fis-settur awtomobilistiku<sup>10</sup>.
24. It-350 persuna li jridu jiġu meġġuna fil-fondazzjoni tax-xogħol, se jibbenefikaw minn programm ikkoordinat li jinkludi ġestjoni metodoloġika tal-każijiet kif ukoll offerta ta' taħriġ komprensiv, imfassla skont il-profilu u l-ħtiġijiet tal-ħaddiema tas-servizzi soċjali. Il-miżuri jiġu maqbula u kkontrollati mis-servizz pubbliku tal-impjegi (AMS, jiġifieri Arbeitsmarktservice) ta' Styria li jevalwa l-utilità tal-miżuri tat-taħriġ u tat-titjib tal-ħiliet kemm għas-swieq tax-xogħol attwali kif ukoll dawk futuri (meta r-rekwiżiti jkunu differenti b'riżultat tat-tibdil demografiku).
25. B'konformità mal-Artikolu 18 tal-Arbeitslosenversicherungsgesetz (ALVG) u skont il-mudell tal-ħin tax-xogħol li kull persuna kellha qabel, il-persuni għandhom jinvolvu ruħhom full-time. L-involvement minimu ma jistax ikun inqas minn 20 siegħa fil-ġimgħa. Il-konformità mar-regoli tal-fondazzjoni (Stiftungsordnung) u liġijiet oħra applikabbli hija assicurata.
  - Il-ġestjoni tal-każijiet: Iż-żewġ moduli ta' ġestjoni tal-każijiet huma disponibbli għat-350 ħaddiem fil-mira (kwota ta' konsulent/parteċipant: 1:12):



- Modulu 1 - Orjentazzjoni u attivazzjoni tax-xogħol;
- Modulu 2 - Tiftix attiv għax-xogħol.

Wara li jkunu daħlu fil-fondazzjoni tax-xogħol, il-ħaddiema jsegwu **l-ewwel modulu** (it-tul ta' żmien huwa limitat għal sitt ġimgħat, bil-possibbiltà ta' estensjoni għal massimu ta' 12-il ġimgħa f'każijiet partikolari). Pjan ta' perkors ta' xogħol individwali huwa żviluppat għal kull parteċipant li jirrifletti l-ħtiġijiet preżenti u futuri tas-suq tax-xogħol u l-possibbiltajiet u l-prospetti tal-karriera personali ta' kull ħaddiem. Il-pjan ta' perkors huwa ffirmat mill-ħaddiem, mir-rappreżentanti tal-fondazzjoni tax-xogħol u mill-AMS reġjonali responsabbli u jiffirma l-bażi tal-attivitajiet sussegwenti tal-ħaddiem fil-fondazzjoni tax-xogħol. Il-ħaddiema li għandhom aktar minn 50 sena jirċievu assistenza intensifikata biex itejbu l-opportunitajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol. Dan il-modulu jinkludi wkoll il-possibbiltà għall-ħaddiema li jqattgħu ġimgħa f'intrapriża biex jippruvaw post ġdid tax-xogħol.

**It-tieni modulu** jipprovdi lill-ħaddiema b'għajjnuna personalizzata biex ikunu jistgħu jsibu impjiegi ġodda. Dan jinkludi tekniki dwar kif wieħed għandu javviċina s-suq tax-xogħol, kif iħejji għall-intervisti tax-xogħol u għall-eżamijiet tal-għażla, eċċ. Skont il-profil u s-sitwazzjoni ta' kull ħaddiem, it-tiftix attiv għal impjeg jista' jew jibda eżatt wara l-orjentazzjoni okkupazzjonali jew mat-tlestija tal-perkors ta' taħriġ individwali. Styria timmira li ttejjeb il-ħiliet u li tħarreġ mill-ġdid kemm jista' jkun ħaddiema qabel ma jibdew ifittxu impjiegi ġodda sabiex iħejju għall-isfidi futuri tal-impjiegi fir-reġjun (eż. rispons għat-tixjiħ demografiku, ekonomija aktar ekoloġika u bbażata fuq l-għarfien eċċ.). It-tul normali ta' dan il-modulu huwa limitat għal 14-il ġimgħa, u jista' jiġġedded għal 14-il ġimgħa f'każijiet speċifiċi (għal parteċipanti li għandhom aktar minn 50 sena jew għal persuni b'kapaċità anqas għax-xogħol).

- Taħriġ individwali: Il-miżuri ta' taħriġ huma bbaġitjati għat-350 ħaddiem kollha fil-mira. Il-fondazzjoni tax-xogħol se tipprovdi taħriġ għall-ħaddiema li nġhataw is-sensja biex itejbu l-ħiliet u l-għarfien tagħhom bi ttejjija għal impjiegi futuri b'potenzjal ta' tkabbir: il-professjonijiet speċjalizzati fil-qasam tas-servizzi tas-saħħa li jeħtieġu kwalifiki akkademiċi oġhla (probabbilment madwar nofs il-parteċipanti), iżda wkoll impjiegi fl-industriji ekoloġiċi kif ukoll fis-setturi tal-metall, l-elettronika, il-kummerċ u t-turiżmu. L-għażliet tal-kwalifiki proposti lill-ħaddiema jvarjaw skont il-livelli ta' edukazzjoni u l-esperjenzi tagħhom – pereżempju, il-ħaddiema anqas imħarrġa jistgħu jirċievu taħriġ vokazzjonali biex jiksbu kwalifika formali jew jissoktaw apprendistati li ġew interrotti qabel, il-persuni bi kwalifiki tekniċi speċifiċi se jkollhom il-possibbiltajiet li jiksbu livelli oġhla. Parti mit-taħriġ vokazzjonali ma hemmx bżonn li jiġi kofinanzjat mill-FEG għaliex huwa mogħti b'xejn fis-sistema edukattiva Awstrijaka. F'każijiet fejn programm ta' taħriġ li diġà hemm qbil dwaru jieħu aktar fit-tul mill-perjodu ta' implimentazzjoni tal-FEG, il-finanzjament addizzjonali se jingħata mill-fondazzjoni tax-xogħol<sup>13</sup>.

<sup>13</sup> Skont l-Artikolu 18 ta' Arbeitslosenversicherungsgesetz (ALVG), il-parteċipazzjoni ta' ħaddiem fil-fondazzjoni hija limitata għal 156 ġimgħa (tliet snin) bil-possibbiltà li tkun estiża għal 209 ġimgħat (erba' snin) f'każijiet partikolari (persuni ta' età aktar minn 50 sena jew persuni fi programmi ta' kwalifikazzjoni itwal).

- Konċessjoni għat-taħriġ<sup>14</sup>: Din il-konċessjoni għet ibbaġitjata għat-350 ħaddiem kollha u se titħallas biss għat-tul tal-parteciġazzjoni tagħhom fil-miżuri għat-taħriġ fil-fondazzjoni tax-xogħol. Ir-rata hija ta' EUR 200 għal kull persuna fix-xahar u għet ibbaġitjata għal 18-il xahar. Din tippermetti lill-ħaddiem biex ikopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ispiża tal-materjal tat-tagħlim. Din il-konċessjoni, flimkien mal-kumpens għas-sussistenza, ma tistax taqbeż il-bażi tal-valutazzjoni tal-benefiċċji għall-qgħad tal-ħaddiem. Il-benefiċċji tal-qgħad jiġu interrotti matul il-perjodu li matulu jingħataw dawn il-konċessjonijiet tat-taħriġ.
  - Il-kumpens għas-sussistenza waqt it-taħriġ u waqt il-parteciġazzjoni fil-miżuri ta' tiftix għal impjieġ<sup>15</sup>: Din il-konċessjoni għet ibbaġitjata għat-350 ħaddiem kollha u se titħallas biss għat-tul tal-parteciġazzjoni tagħhom fil-miżuri tat-taħriġ u tar-riintegrazzjoni attiva fil-fondazzjoni tax-xogħol. Dan jippermetti involviment serju full-time fil-miżuri, ta' kull ħaddiem li ngħata s-sensja. Ir-rata hija ta' EUR 1 000 għal kull persuna fix-xahar u għet ibbaġitjata għal 11-il xahar (ċifri medja, billi l-ammonti effettivi jiddependu fuq is-salarju ta' kull ħaddiem qabel is-sensja u l-perjodu li matulu kull ħaddiem jibqa' fil-miżuri attivi). Din il-konċessjoni, flimkien mal-konċessjoni għat-taħriġ, ma tistax taqbeż il-bażi tal-valutazzjoni tal-benefiċċji għall-qgħad tal-ħaddiem. Il-benefiċċji tal-qgħad jitwaqqfu matul il-perjodu waqt li jkun qed jingħataw il-kumpens għas-sussistenza.
26. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG, li hija inkluża fl-applikazzjoni, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri l-attivitajiet preparatorji, l-informazzjoni u r-reklamar kif ukoll l-attivitajiet ta' kontroll u l-ġestjoni tal-fondazzjoni tax-xogħol reġjonali. L-ispejjeż tal-ġestjoni tal-fondazzjoni (EUR 75 000) huma kkalkolati fuq il-bażi ta' rata fissa. L-imsieħba kollha involuti fil-miżuri huma impenjati li jikkomunikaw l-appoġġ tal-FEG.
27. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Awstijaċi huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Awstriaċi jistmaw li l-ispejjeż totali ta' dawn is-servizzi huma ta' EUR 7 850 500 u li n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG hija ta' EUR 150 500 (1,88 % tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-EGF hija ta' EUR 5 200 650 (65 % tal-ispejjeż totali).

<sup>14</sup> Ibbażat fuq l-Artikolu 18 tal-Arbeitslosenversicherungsgesetz (ALVG).

<sup>15</sup> Ibbażat fuq l-Artikolu 18 tal-Arbeitslosenversicherungsgesetz (ALVG).

Azzjonijiet	In-numru stmat ta' ħaddiema fil-mira	Il-kost stmat għal kull ħaddiem fil-mira (EUR)	L-ispejjeż totali (il-FEG u l-kofinanzjament nazzjonali) (EUR)
<b>Servizzi personalizzati</b> (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Ġestjoni tal-każijiet (2 moduli): Orientazzjoni u attivazzjoni tax-xogħol Tiftix attiv għax-xogħol. <i>(Maßnahmen der Betreuung, Orientierung und Aktivierung)</i>	350	1 030	360 500
Taħriġ individwali, inkluż taħriġ intern u taħriġ ta' hiliel fl-intraprenditorija <i>(Ausbildungsmaßnahmen)</i>	350	7 000	2 450 000
Konċessjoni għat-taħriġ <i>(Ausbildungsbedingte Zuschussleistung / Stipendien)</i>	350	3 600	1 260 000
Kumpens għas-sussistenza waqt it-taħriġ u t-tiftix għal impjeg <i>(Schulungsarbeitslosengeld)</i>	350	10 800	3 780 000
<b>Subtotal tas-servizzi personalizzati</b>			<b>7 850 500</b>
<b>In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG</b> (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Attivitajiet preparatorji			10 500
Ġestjoni			75 000
Informazzjoni u pubbliċità			25 000
Attivitajiet ta' kontroll			40 000
<b>Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG</b>			<b>150 500</b>
<b>Total stmat tal-ispejjeż</b>			<b>8 001 000</b>
<b>Kontribuzzjoni tal-FEG (65 % tal-ispejjeż totali)</b>			<b>5 200 650</b>

28. Skont l-Awstrija, il-miżuri deskritti hawn fuq huma komplementari mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali. Il-Programm Operazzjonali Awstrijak tal-FSE jiffoka, skont it-tieni oġġettiv, fuq il-persuni qiegħda għal tul ta' żmien, filwaqt li l-

għan tal-FEG huwa li jgħin lill-ħaddiema immedjatament wara li jkunu ngħataw is-sensja. Għalhekk, iż-żewġ fondi ma jikkoinċidux. Barra minn hekk, l-Awstrija daħħlet fis-seħħ proċeduri ta' ċertifikazzjoni tal-ispejjeż biex jiġi eskluż kull riskju ta' finanzjament doppju.

### **Id-data/dati meta bdew jew meta huwa maħsub li jibdedw is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati**

29. L-Awstrija bdiet toffri s-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati inklużi fil-pakkett koordinat propost lill-FEG għall-kofinanzjament fl-1 ta' Ottubru 2011. Din id-data, għalhekk, tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal kwalunkwe għajjnuna li tista' tingħata mill-FEG.

### **Il-proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali**

30. Fis-26 ta' Settembru 2011 u fis-27 ta' Settembru 2011, il-Kamra tal-Kummerċ ta' Styria (*Wirtschaftskammer Steiermark*) u l-Federazzjoni tat-Trejdjunjins tal-Awstrija (*Österreichischer Gewerkschaftsbund / ÖGB*) qablu li jstabbilixxu fondazzjoni tax-xogħol reġjonali għall-appoġġ tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja. Il-ftehim tal-imsieħba kien prerekwiżit għar-rikonossiment tal-fondazzjoni tax-xogħol "Soziale Dienstleistungen Steiermark" mill-AMS li ġie notifikat fit-30 ta' Settembru 2011. Iż-żewġ organizzazzjonijiet rappreżentattvi *Die Steirische Behindertenhilfe* u *Dachverband der Steirischen Jugendwohlfahrtsträger* kienu wkoll involuti fid-diskussjonijiet.
31. Fl-Awstrija, il-kooperazzjoni bejn l-imsieħba soċjali hija ftehim volontarju li fil-parti l-kbira tiegħu huwa ta' natura informali u mhuwiex irregolat bil-liġi<sup>16</sup>. Huwa biss meta l-kumpaniji jiddeċiedu li jipparteċipaw f'miżuri ta' politika speċifiċi għas-suq tax-xogħol li jkunu soġġetti għar-regoli applikabbli tas-servizz pubbliku tal-impjieggi (AMS).
32. L-awtoritajiet Awstrijaċi kkonfermaw li kien hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali u dik tal-UE dwar is-sensji kollettivi. Minħabba d-daqs żgħir tal-fornituri tas-servizzi soċjali kkonċernati, f'it biss minnhom kienu obbligati li jħabbru s-sensji pjanati skont il-*Frühwarnsystem* Awstrijaka (sistema ta' twissija bikrija) skont l-Artikolu 45a tal-*Arbeitsmarktförderungsgesetz /AMFG*.

### **Informazzjoni dwar azzjonijiet li huma obligatorji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi**

33. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Awstrijaċi fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tissostitwixxix miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji bis-saħħa tal-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;
  - ikkonfermaw li l-azzjonijiet jipprovdu sostenn għal ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għall-kumpaniji jew setturi li qegħdin jiġu ristrutturati;
  - ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux għajjnuna minn strumenti finanzjarji oħra tal-UE.

<sup>16</sup> Il-websajt tal-ÖGB [http://www.sozialpartner.at/sozialpartner/Sozialpartnerschaft\\_mission\\_en.pdf](http://www.sozialpartner.at/sozialpartner/Sozialpartnerschaft_mission_en.pdf)

### **Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll**

34. L-Awstrija nnotifikat lill-Kummissjoni li l-Land ta' Styria u s-servizz pubbliku tal-impjiegi ta' Styria (AMS) se jipprovdu l-kofinanzjament nazzjonali ta' 35 % u se jassiguraw il-prefinanzjament tal-azzjonijiet. Il-Land se tipprovdi 25,5 % tal-kofinanzjament nazzjonali filwaqt li l-AMS se jipprovdi 74,5 %.
35. L-Awstrija kkonfermat li l-kontribuzzjoni finanzjarja ser tiġi amministrata mill-istess korp li jamministra l-FSE: l-unità VI/INT/9 fi ħdan il-Ministeru Federali tax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u l-Ħarsien tal-Konsumatur (*BMASK Bundesministerium für Arbeit, Soziales und Konsumentenschutz*) se sservi ta' awtorità ta' ġestjoni u bħala servizz ta' ħlas. L-awtorità tal-kontroll finanzjarju għall-FEG hija differenti minn dik tal-FSE: l-unità VI/S/5a fi ħdan il-BMASK se tassumi din il-funzjoni għall-FEG.
36. Il-pakkett ikkoordinat ta' miżuri personalizzati huwa implimentat minn Regionalstiftung Soziale Dienstleistungen immaniġġjat minn Verein Wirtschaftsoffensive (WOF) bl-uffiċċji fl-ibliet ta' Graz u Köflach, u hu mmonitorjat mis-servizz pubbliku tal-impjiegi (AMS). Barra minn hekk, il-BMASK huwa appoġġat minn fornitur tal-assistenza teknika li se jieħu ħsieb ukoll il-kontroll tal-ewwel livell. L-arranġamenti u l-obbligi ewlenin kollha huma mniżżla fil-ftehimiet miktubin.

### **Finanzjament**

37. Fuq il-bażi tal-applikazzjoni mill-Awstrija, il-kontribuzzjoni proposta mill-FEG għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati (inkluża n-nefqa biex jiġi implimentat il-FEG) hija ta' EUR 5,200,650, li tirrappreżenta 65 % tal-ispiża totali. L-allokazzjoni proposta mill-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq it-tagħrif li ngħata mill-Awstrija.
38. Filwaqt li tqis l-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-allokazzjoni mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokat skont l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
39. L-ammont propost ta' kontribuzzjoni finanzjarja jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokati għall-FEG jibqa' disponibbli biex ikun allokati matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
40. Permezz tal-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex timmobilizza l-FEG, il-Kummissjoni qed tibda l-proċedura ssemplifikata ta' trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tiżgura l-qbil taż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-FEG u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja biex taqbel mal-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni biex, fuq livell politiku xieraq, tgħarraf lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja, tissejjaħ laqgħa formali tat-trijalogu.
41. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex fil-baġit għall-2012 iddaħħal approprjazzjonijiet speċifiċi ta' impenn, kif mitlub fil-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

### **Sors tal-appropriazzjonijiet ta' pagamenti**

42. L-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' pagament li inizjalment iddaħħal fil-linja tal-baġit 04 05 01 fl-2012 se jiġi kkonsmat kollu wara l-adozzjoni miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja tal-proposti sottomessi sa issa għall-mobilizzar tal-FEG u għalhekk mhux se jkun biżżejjed biex ikopri l-ammont meħtieġ għall-applikazzjoni preżenti. Se jintalab rinfurzar tal-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-linja tal-baġit tal-FEG jew permezz ta' trasferiment, f'każ li jista' jiġi identifikat sors ta' approprjazzjonijiet disponibbli, jew permezz ta' baġit emendatorju. L-appropriazzjonijiet minn din il-linja ta' baġit se jintużaw biex ikopru l-ammont ta' EUR 5 200 650 meħtieġ għall-applikazzjoni preżenti.

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (l-applikazzjoni EGF/2011/011 AT/Soziale Dienstleistungen mill-Awstrija)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda<sup>17</sup>, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>18</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea<sup>19</sup>,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li nġhataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni u sabiex jgħinhom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet ippreżentati mill-1 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' Diċembru 2011 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) L-Awstrija ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward tas-sensji f'105 intrapriżi li joperaw fid-Diviżjoni 88 tan-NACE Reviżjoni 2 ("Attivitajiet ta' ħidma soċjali mingħajr akkomodazzjoni") fir-reġjun NUTS II ta' Steiermark (AT22), fil-21 ta' Diċembru 2011 u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali sal-25 ta' Ġunju 2012. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni, għalhekk, ressqet proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 5 200 650.
- (5) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mill-Awstrija.

<sup>17</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>18</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>19</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].



ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 5 200 650 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagamenti.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.  
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew,  
Il-President*

*Għall-Kunsill,  
Il-President*